Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VII/38*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 38 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Seba' Terminu), li nżammet nhar it-Tnejn 22 ta' Frar, 2016 fis-7.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku l-Av. Daniel Attard.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sinjura Alexandra Maria Mifsud | Kunsilliera |

Preżenti kien hawn ukoll l-Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ is-Sur Matthew Attard.

**1. Talba**

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti 7-37**

Il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**3. Rapport Finanzjarju ta' kull kwart : Ottubru – Diċembru 2015**

Is-Segretarju Eżekuttiv kien qassam id-dokument Rapport Finanzjarju ta' kull kwart Ottubru – Diċembru 2015 lill-membri kollha. Il-Kunsill iddiskuta dan ir-rapport u s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill. Il-Kunsill approva unanimament ir-Rapport kif preżentat.

**4. Offerti Nru 2015-04, 2015-05 u 2015-06**

**Offerta Nru 2015-04 – Cleaning and Maintenance of Public Conveniences using environmentally friendly products.** Is-Segretarju Eżekuttiv kien għadda kopja tar-rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni lill-membri kollha tal-Kunsill. Is-Segretarju qara r-rapport tal-Bord:-

*Il-Bord kellu a dispożizzjoni żewġ offerti waħda għan-nom ta' Chris Zammit fl-ammont ta' €2,800.00 u oħra sottomessa minn Maria Attard fl-ammont ta' €2866.00.*

*Il-Bord analizza t-tender mitfugħa dwar il-kriterji amministrattivi u tekniċi.*

*Jirriżulta illi ż-żewġ offerti mitfugħa kienu jilħqu l-kriterji meħtieġa permezz tad-dokument tat-tender. It-tender ta' Chris Zammit ma kienx fiha Bid Bond, madanakollu, peress illi l-ammont ma jaqax fil-parametri fejn il-Bid Bond hija neċessarja, għalhekk, l-offerta mitfugħa minn Zammit kienet waħda valida.*

*In vista għalhekk li l-offerti mitfugħa kienu t-tnejn konformi, il-Bord għadda għall-għażla tal-offerti fuq il-kriterju tal-prezz sottomess. Huwa evidenti li l-offerta ta' Zammit hija irħas minn dik ta' Attard.*

*Għalhekk, il-Bord wara dawn il-konsiderazzjonijiet, jirrakkomanda li l-Kunsill Lokali għandu jagħżel l-offerta mitfugħa minn Chris Zammit.*

*Din ir-rakkomandazzjoni għandha titgħadda lill-Kunsill Lokali L-Għasri.*

F'dan il-ħin is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jaqra r-rapporti tal-bord ta' evalwazzjoni tal-offerti l-oħra. Għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv kompla jaqra r-rapporti tal-offerti l-oħra.

**Offerta Nru 2015-05 – Street and Road Cleaning Services in an environmentally friendly mannar at L-Għasri Gozo.** Is-Segretarju Eżekuttiv kien għadda kopja tar-rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni lill-membri kollha tal-Kunsill. Is-Segretarju qara r-rapport tal-Bord:-

*Il-Bord kellu a dispożizzjoni tliet offerti waħda għan-nom ta' Godfrey Borg fl-ammont ta' €11,912.00, oħra ta' Chris Zammit fl-ammont €11,500.00 u oħra sottomessa minn Mark Zammit fl-ammont ta' €11,300.00.*

*Il-Bord analizza t-tender mitfugħa dwar il-kriterji amministrattivi u tekniċi.*

*Jirriżulta li l-offerta mitfugħa minn Godfrey Borg għandha Bid Bond valida għall-perjodu ta' tliet (3) xhur meta skond il-kriterji tat-tender, din kellha tkun għall-perjodu ta' 150 jum. Madanakollu, il-Bord ikkomunika mas-Segretarju li kkonferma li Borg għandu Performance Guarantee attiva mal-istess Kunsill Lokali u jistà jibbenefika mill-użu ta' l-istess garanzija flok il-Bid Bond mitluba. It-tender ta' Chris Zammit kienet konformi fil-kriterji kollha meħtiega skond id-dokument tat-tender. Fir-rigward tat-tender ta' Mark Zammit, ma jirriżultax li l-offerent issottmetta d-dettalji tal-vetturi li ser jintużaw fl-eżekuzzjoni tat-tender.*

*Għaldaqstant, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, l-offerti li jikkwalifikaw għall-evalwazzjoni huma dawk sottomessi minn Godfrey Borg u minn Chris Zammit. Peress li l-offerta ta' Chris Zammit hija irħas fil-valur minn dik ta' Godfrey Borg, il-Bord huwa tal-fehma li ghandu jirrakkomanda dan ix-xogħol lil Chris Zammit.*

*Din ir-rakkomandazzjoni għandha titgħadda lill-Kunsill Lokali L-Għasri.*

**Offerta Nru 2015-06 – Bulky Refuse Collection an environmentally friendly mannar at L-Għasri Gozo.** Is-Segretarju Eżekuttiv kien għadda kopja tar-rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni lill-membri kollha tal-Kunsill. Is-Segretarju qara r-rapport tal-Bord:-

*Il-Bord kellu a dispożizzjoni żewġ offerti waħda għan-nom ta' Chris Zammit fl-ammont ta' €3,000.00 u oħra sottomessa minn Godfrey Borg fl-ammont ta' €8.23.*

*Il-Bord analizza t-tender mitfugħa dwar il-kriterji amministrattivi u tekniċi.*

*Jirriżulta li l-offerta mitfugħa minn Godfrey Borg għandha Bid Bond valida għall-perjodu ta' tliet (3) xhur meta skond il-kriterji tat-tender, din kellha tkun ghall-perjodu ta' 150 jum. Madanakollu, il-Bord ikkomunika mas-Segretarju li kkonferma li Borg għandu Performance Guarantee attiva mal-istess Kunsill Lokali u jistà jibbenefika mill-użu ta' l-istess garanzija flokk il-Bid Bond mitluba. Mill-kumplament, iż-żewġ offerti kienu kollha konformi għall-kriterji amministrattiv u tekniċi.*

*Fuq analiżi tal-prezz mitfugħ mill-offerenti madanakollu ġie innutat li l-offerta mitfugħa minn Zammit hija over-budget peress li ġiet kwotata fl-ammont ta' €3,000.00 per collection u għalhekk ma tistax titqies peress illi dik ta' Borg hija fl-ammont ta' €8.23 per collection.*

*Għalhekk, il-Bord wara dawn il-konsiderazzjonijiet, jirrakkomanda li l-Kunsill Lokali għandu jagħżel l-offerta mitfugħa minn Godfrey Borg.*

*Din ir-rakkomandazzjoni għandha titgħadda lill-Kunsill Lokali L-Għasri.*

Il-Kunsill beda jiddiskuti dawn l-offerti. F'dan il-ħin kien preżenti l-kuntrattur Godfrey Borg li talab il-permess jitkellem. Il-Kunsill tah permess biex jitkellem. Godfrey Borg għadda dokument lill-Kunsill għall-attenzjoni tiegħu. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv jaqra d-dokument preżentat:-

*Jien Joseph Attard ID no 57953 G mix-Xagħra Għawdex. Jien il-propretarju ta' vettura ta' tip scammel bin-number plate CBZ024. Jien sellift il-log book ta' din l-imsemmija lis-Sur Mark Zammit. Issa sirt naf li dan il-log book ġie użat mingħajr il-permess tiegħi minn ċertu Chris Zammit. Dan tal-aħħar użah għall-finijiet ta' tfieh ta' tender fuq il-lokalita ta' L-Għasri. In-numru ta' din it-tender hu 2015-05 li iġġib l-isem ta' Street and Road Cleaning Services in an envirionmentally friendly manner at L-Għasri, Gozo. Jien ma inhiex ser insellef din il-vettura hawn imsemmiha lil Chris Zammit għax lil din il-persuna jien ma nafhiex. Jekk xi ħadd irid jikkonferma dan jista' jagħmlu billi iċempilli fuq (numru tal-mowbajl).*

Is-Sindku ippropna li l-Kunsill għandu jissospendi l-proċess tal-għażla tal-offerti kollha sabiex jiġi verifikat il-kontenut tal-ittra preżentata. Is-Sindku ippropona li jinħatar Bord ta' Evalwazzjoni sabiex jivverifika din l-ittra u jerġa' jevalwa l-offerti kollha. Il-Kunsill qabel unanimament mal proposta tas-Sindku u qabel ukoll li l-Bord ikun magħmul mill-membri kollha tal-Kunsill u s-Sindku għandu jkun ċ-Chairperson tal-Bord. Il-Bord ta' Evalwazzjoni għandu jiltaqa' matul il-jiem li ġejjien sabiex sal-laqgħa li jmiss tal-Kunsill tkun tista' tittieħed deċiżjoni mill-Kunsill.

## 5. Korrispondenza

5.01 Memo 06/2016 – Ħinijiet ta' ġbir ta' skart mill-Kunsill Lokali.

5.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill b'korrispondenza li kelna mal-Ministeru għal Għawdex sabiex issir laqgħa mal-Ministru l-Onor. Anton Refalo. Il-laqgħa ser issir nhar il-Ġimgħa 4 ta' Marzu fit-3.00pm.

5.03 L-Onor Anthony Agius deCelis jixtieq jiltaqa' mal-Kunsill biex tiġi diskussa kif tista' titjieb l-effiċċjenza u titnaqqas il-burokrazija. Il-laqgħa ser issir fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa 4 ta' Marzu fis-7.00pm.

5.04 Is-Sur Herbert Naudi informa lill-Kunsill li huwa għandu ftehim mal-HSBC biex jieħu ħsieb li issir il-manutezjoni tat-tabelli merħba li hawn fl-irħula. Huwa talab li jiġi iffirmat ftehim dwar dan fejn ikun ikkonfermat ukoll li t-tabelli huma propjeta tal-HSBC u li ser ikunu mantnuti minn Herbert Naudi. Il-Kunsill mhu obbligat iħallas xejn. Il-Kunsill qabel li niffirmaw dan il-ftehim.

5.05 Mary Mifsud Micallef u l-Avv Deborah Mercieca infurmaw lill-Kunsilli Lokali ta' Għawdex dwar attivita ta' tiġrijiet taż-żwiemel li ser issir fil-korsa tax-Xhajma x-Xewkija. F'isem il-Kunsill Amministrattiv tal-Gozo Horse Racing Association huma talbu l-għajnuna finanzjarja tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill qabel li bħala Kunsill ma nistgħux nagħtu donazzjonijiet jew sponsors u barra minn hekk il-Kunsill fi żmien il-Festa jorganizza t-tiġrija taż-żwiemel u għalhekk mhux possibbli li noħorġu aktar fondi għal skopijiet ta' tiġrijiet ta' żwiemel.

5.06 Toni Calleja irringrazzja lill-Kunsill tal-kollaborazzjoni sabiex seta' jiġi ipprintjat il-ktieb L-Għasri - Storja ta' Knisja 2. Is-Sindku qal li pubblikament jixtieq jirringrazzja lil Toni Calleja għax bil-kitba u l-ħidma tiegħu qed iżomm ħajja l-istorja tar-raħal tagħna.

5.07 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar risposta li irċevejna minn għand Transport Malta dwar ir-restawr tal-Fanal ta' Ġordan. Il-Kunsill iddiskuta din l-ittra peress li kif imsemmi fl-ittra ma jagħmilx sens li jitranġa l-poġaman meta l-istruttura li magħha iżomm il-poġaman jinsab fi stat ħażin u perikoluż. Għalhekk l-ewwel għandu isir xogħol strutturali qabel ikompli jiddetorja u wara jitranġa l-poġaman. Is-Sindku ippropona li niktbu ittra risposta dwar dan. Fl-ittra tiegħu s-Sur Christopher Farrugia f'isem Transport Malta qal ukoll li minn naħa tal-Ministeru Għal Għawdex ser isiru xi xogħlijiet. Għalhekk il-Kunsill qabel ukoll li dan is-suġġett jiġi diskuss matul il-laqgħa li għandna mal-Ministru għal Għawdex.

## 6. Ħlas ta' Kontijiet

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-38 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 7. Materja oħra

7.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien iltaqa' mal-Perit Mario Cordina (CM) u marru anke fuq il-post biex isir pjan ta' xogħol li jista' jsir bil-koperazzjoni tal-Ministeru għal-Għawdex. Dawn il-proposti se jiġu diskussi ukoll fil-laqgħa li ser ikolna mal-Ministru għal Għawdex. Is-Sindku qal li l-pjan huwa dwar Triq Wied L-Għasri, Triq il-Ġonna li jinkludi ġnien pubbliku u anke Triq il-Fanal. Kif diġa intqal fil-laqgħat preċedenti l-Perit se jibda jaħdem biex fl-iqsar żmien possibbli ikolna pjanti u inkunu nistgħu napplikaw mal-MEPA għall-permessi meħtieġa u b'hekk anke meta ikun hemm skemi speċjali mid-Dipartimenti tal-Gvern Lokali jew fondi tal-EU inkunu nistgħu napplikaw għalihom.

7.02 Joseph Farrugia ta' Triq Wied Sara talab lill-Kunsill biex it-triq fejn joqgħod tingħata kisja tarmak peress li tinsab fi stat ħażin. Il-Kunsill qabel li jixtieq li din issir bit-tarmak iżda sfortunatament m'għandnix il-fondi neċessarji. Il-Kunsill qabel ukoll li din it-triq tissemma ukoll fil-laqgħa li għandna mal-

Ministru għal Għawdex sabiex jekk ikun possibbli minn naħa tal-Ministeru din issir bit-tarmak.

7.03 MaryAnne Aquilina ta' Triq il-Fanal ilmentat dwar raġġi li jistgħu joħorġu minn apparat li għandhom l-Enemalta fejn il-post tagħha fi Triq il-Kanun. Peress li din responsabilta tal-Enemalta is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li dan l-ilment kien għaddih lill-Enemalta permezz tas-sistema tal-Customer Care.

7.04 Elizabeth Downer ta' Triq il-Maxrabija ilmentat li fi Triq Fanal u Triq tal-Gallina qed ikun hemm ħafna ħmieġ tal-klieb u għalhekk issuġġeriet li jeħlu tabelli biex is-sidien tal-klieb inaddfu meta l-klieb tagħhom iħammġu. Is-Sindku informa lill-Kunsill li għadu kif attenda laqgħa tal-LESA (l-Aġenzija dwar l-infurzar tal-liġi) u dan is-suġġett ġie diskuss peress li fl-irħula kollha tista' tgħid hemm din il-problema. Ser jibda jsir iktar infurzar tal-liġi u għalhekk huwa mistenni li din il-problema tiġi solvuta.

7.05 Is-Sindku ippropona sabiex jinbidlu s-sinjali tat-traffiku li hemm fil-pjazza peress li jinsabu fi stat ħażin. Il-Kunsill qabel li nixtru tabelli ġodda minn għand Refalo Signs.

7.06 Rose Sultana ta' Triq il-Knisja talbet lill-Kunsill sabiex iwaħħal tabella li turi fejn hu Wied l-Għasri. Is-Sindku qal li qabel titranġa t-triq m'għandna inwaħlu xejn. Meta t-triq tkun aċċessibli isiru t-tabelli ukoll.

7.07 Alfred Attard ta' Triq Dun Karm Caruana talab lill-Kunsill sabiex fi Triq Maxrabija in-naħa ta' ġewwa isiru sinjali sofor peress li qed jipparkjaw u f'dik il-parti hemm passaġġ għal bdiewa u qed ikun imblukkat. Il-Kunsill qabel li napplikaw ma' Transport Malta sabiex isiru dawn is-sinjali.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar l-Erbgħa 16 ta' Marzu, 2016 fis-7.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fid-8.45p.m.

| | |
|---|---|
| Av. Daniel Attard<br>Sindku | Ruben Cassar<br>Segretarju Eżekuttiv |